22003D0179

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 179/2003

tal-5 ta' Diċembru 2003

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/75/KE tad-29 ta' Lulju 20032 li temenda l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE dwar ir-regoli tas-sigurtà u l-i*standards* tal-bastimenti tal-passiġġieri ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiġi miżjud mal-punt 56f (id-Direttiva tal-Kunsill 98/18/KE) fl-Anness XIII mal-Ftehim:

"– **32003 L 0075**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/75/KE tad-29 ta' Lulju 2003 (ĠU L 190, tat-30.7.2003, p. 6)."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Direttiva 2003/75/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komuniajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Diċembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 41, tat-12.2.2004, p. 57.
([2]) ĠU L 190, tat-30.7.2003, p. 6.
(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fil-5 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN